MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 763/2006

Paul Mercieca bhala stralcjarju ghan-nom u in rappresentanza ta’ Supermaster Limited
vs
Master Electric Company Limited

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti *nomine* li bih espona:

1. Illi s-socjeta` attrici ghaddejja minn proceduri ta’ stralc taht l-awtorita` tal-Qorti u b’digriet moghti mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta’ Lulju 2001 fl-atti tar-rikors numru 535/01 prezentat fit-3 ta’ April 2001 mis-socjeta` Supermaster Limited huwa gie mahtur bhala stralcjarju;

2. Illi fil-kors ta’ l-imsemmija proceduri ta’ stralc kif ukoll mill-indagni li ghamel l-istralcjarju tal-kotba tal-kumpanija attrici, irrizulta li s-socjeta` konvenuta hija

debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' hamsin elf u mija u sitta u disghin lira (Lm50,196) oltre l-imghaxijiet skond il-ligi, kif jigi pruvat ahjar fil-kors tal-kawza;

3. Illi s-socjeta` konvenuta giet debitament interpellata thallas dan l-ammont permezz ta' zewg ittri ufficjali prezentati rispettivament fl-10 ta' Settembru 2001 u 9 ta' Awissu 2004 izda baqghu inadempjenti;

Ir-rikorrent *nomine* talab lill-Qorti:

1. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamsin elf mija u sitta u disghin lira (Lm50,196) oltre l-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali fuq riferiti kontra s-socjeta` konvenuta li giet ingunta biex tidher in subizzjoni.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mir-rikorrent.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata li biha esponiet:

1. Illi l-kawza hija frivola u vessatorja stante li l-attur gja` intavola kawza identika kontra kumpanija ohra bl-istess azzjonisti ghall-istess ammont u ghalhekk seta' facilment jigu ffrankati spejjez gudizzjarji doppja jekk l-attur intavola kawza kontra zewg konvenuti;

2. Illi l-konvenut qieghed jitlob illi dawn iz-zewg kawzi jimxu flimkien stante li jikkoncernaw l-istess mertu;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost t-talbiet huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt stante li dan l-allegat dejn kellu jigi pacut ma' dejn ta' l-istess socjeta` li llum hija fi stralc is-Supermaster Limited li kellha taghti s-socjeta` konvenuta u dan gja gie spjegat lis-stralcarju;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost t-talbiet huma wkoll preskritti *ai termini* tal-Ligi;

5. Illi ghandu jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza li l-konvenut ghandu jiehu aktar milli jaghti lill-attur.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mis-socjeta` intimata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Illi fit-12 ta’ Frar 2007 Dr. Cassar Pullicino irrefera ghall-ewwel eccezzjoni u irrileva li l-kawza l-ohra msemmija tirrigwarda kreditu ghal kollox differenti minn dak pretiz f’din il-kawza u fil-konfront ta’ socjeta` debitrici awtonoma minn dik intimata f’din il-kawza u ghalhekk m’hemm ebda konnessjoni fiz-zewg krediti pretizi.

Gie prezentat affidavit ta' Steve Cachia fejn semma li hu wiehed mis-soci tad-ditta ta’ awdituri Deloitte & Touche. Fis-6 ta' April 2001 Paul Mercieca gie mahtur mill-Qorti bhala Amministratur Provizorju ta’ Supermaster Limited u x-xhud kien gie mitlub biex jassistih f’dak l-inkarigu. Qal li kien involut bis-shih mill-ewwel gurnata ta’ dak l-inkarigu. Fis-16 ta' Lulju 2001 Paul Mercieca kien gie mahtur stralcjarju ta' Supermaster Limited bis-sahha ta' digriet li gie moghti fil-proceduri ta’ stralc li kienu nbdew mill-istess Supermaster Limited (Rikors Numru 535/01 JA).

Supermaster Limited twaqqfet fis-17 ta' Awissu 1995 u l-iskop tal-kumpannija kien li topera *discount store* bl-isem *Super Master Discount Department Store*, u l-oggetti li kienu jinbieghu kienu principalment prodotti ta’ ikel u tad-dar. Id-diretturi kienu Emanuel Micallef, Saviour Micallef, Edward Spiteri u Tonio Hili. F’Mejju ta’ l-1996 beda jopera s-*Supermaster Discount Store* minn gewwa stabbiliment fl-Imriehel li kien gie mikri minghand N.I.B. Ltd. Semma li l-azzjonisti ta' *Supermaster Limited* kienu u

ghadhom iz-zewg diretturi attwali, Emanuel u Saviour Micallef.

Semma li l-kumpanija qatt ma irregistrat profitti fl-operat taghha izda t-*turnover* kien sostanzjali u baqa' jizdied sal-1999 bil-figura teccedi s-somma ta' Lm3,000,000 f'dik is-sena. Qal li l-kumpanija kienet mghobbijja bi spejjez sostanzjali fosthom l-interessi tal-Bank, kera sostanzjali u pagi tal-haddiema. Il-kumpanija kienet qed topera f'settur kompettitiv bir-rizultat illi kien hemm pressjoni biex il-profitt *gross* jibqa' baxx kemm jista' jkun. Semma li mill-informazzjoni finanzjarja kienu sabu li l-profitt *gross* nizel minn 21% - 22% meta beda jopera s-*supermarket* ghal 17% sal-ahhar ta' l-1999. B'hekk il-kumpannija ma kenitx f'qaghda li tlahhaq mal-obbligi taghha specjalment wara li t-*turnover* qaleb ghall-aghar fl-2000 u 2001. Qal li fis-26 ta' Marzu 2001 il-kumpanija itterminat l-impjieg tal-haddiema billi ma kenitx f'qaghda li thallas id-djun taghha. Fl-istess hin saru diversi proceduri gudizzjarji minn kredituri tal-kumpanija bir-rizultat illi fit-3 ta' April 2001 id-diretturi tal-kumpanija ipprezentaw rikors il-Qorti fejn talbu li l-kumpanija tigi xjolta u jigi nominat stralcjarju b'rizenja tad-diretturi Emanuel u Saviour Micallef u Edwin Zammit mill-kariga ta' Segretarju, ilkoll fl-10 ta' April 2001.

Fuq il-*Master Electric Company Limited* qal li twaqqfet fil-25 ta' Jannar 1982 u hija affiljata ma' *Supermaster Limited*. Kemm id-diretturi kif ukoll l-azzjonisti ta' *Master Electric Company Limited* kienu u ghadhom Emanuel Micallef u Saviour Micallef, l-istess diretturi u azzjonisti ta' *Supermaster Limited* b'ufficcju registrat taz-zewg kumpanija identiku. Kif gie mahtur Paul Mecieca bhala amministratur provizorju ix-xhud kien mar fl-ufficji ta' *Supermaster* u hadu f'idejhom il-kotba tal-kummerc u l-istabbiliment kummercjali kien gie moghti lura lis-sid. Fl-2001 kien ingab avviz fil-gazzetti lokali biex issir laqgha tal-kredituri fejn diversi kredituri kienu lahqu irregistraw il-kreditu taghhom flimkien mad-dokumenti relattivi. Semma li l-ebda *claim* ma saret minn *Master Electric Company Limited*.

Semma li meta beda janalizza l-*accounting records* ta' *Supermaster Limited* ghall-perjodu li jibda fl-1 ta' Jannar 2001 u kien sab li kien hemm *debtor balance* li kien dovut minn *Master Electric* lil *Supermaster*, liema bilanc huwa ta' Lm 50,096.66.

Qal li f1-10 ta' Settembru 2001 u fid-9 ta' Awissu 2004 rispettivament kienu gew prezentati ittri ufficjali li bihom l-istralcarju talab lil *Master Electric* is-somma ta' Lm50,000. Fit-28 ta' Novembru 2001 kienet saret laqgha ghall-kredituri ta' *Super Master Limited* fejn l-istralcarju ta rendikont lill-kredituri prezenti dwar l-andament tal-process ta' stralc. Mir-*records* ta' l-attendendenza ta' din il-laqgha, ma jirrizultax illi kienet prezenti l-*Master Electric Company Limited* permezz ta' rapprezentanti, u wisq anqas gew registrati xi pretensjonijiet kontra *Supermaster Limited*.

Kien inhatar kumitat tal-kredituri u saru diversi laqghat. Kienu iddecidew li l-istralcarju jitlob lill-Qorti li kienet qed tisma' l-proceduri ta' stralc biex jixhdu d-diretturi ta' *Supermaster Limited*. Il-Qorti kienet laqghet it-talba u innominat lill-Assistent Gudizzjarju Elena Depasquale biex tisma' dawn il-provi. Qal li kien xehed Henry Micallef, l-Awditur ta' *Master Electric* u ta' *Supermaster* fejn qal li ma hemm l-ebda konferma bil-miktub tal-bilanci dovuti, u ikkonferma li l-*Master Electric Limited* kellha taghti lis-*Super Master Ltd* is-somma ta' Lm50,196. Kien hemm tant *credits to be set off against amount referred* li kienu kellu jsir dan l-ezercizzju jirrizulta li *Supermaster Limited* ghandha taghti lil *Master Electric Limited* u qatt ma gew issettjati minhabba ragunijiet ta' taxxa fiskali.

Qal li kien xehed Tonio Hili li qal li *Supermaster* kellha tiehu Lm45,000 minghand *E&S Trading* u Lm50,196 minghand il-*Master Electric*. Lm50,000 dovuti lil *Supermaster* (ta' merkanzija li hadet il-*Master Electric*) u ma thallsux peress illi kien hemm ammonti li *Supermaster* kellha taghti lil *Master Electric* fosthom il-pagi tal-*Managing Director*. Ma kienux hargu invoices ghal dawn l-affarijeit minn *Master Electric* minhabba li *Supermaster* ma kenitx f'pozizzjoni li thallas il-bilanci dovuti u VAT.

Qal li mill-*accounting records* ta' *Supermaster Limited* jidher li l-ammont ta’ Lm50,000 huwa dovut minn *Master Electric Limited* favur *Supermaster Limited* ghax wiehed mill-ex-diretturi u l-awditur ta' *Supermaster Limited* ikkonfermaw li l-bilanc ta’ Lm50,000 kien qieghed jidher fil-kotba ta’ *Supermaster Limited*, alotre li l-awditur ta' *Master Electric* ukoll ikkonferma li l-bilanc ta’ Lm50,000 kien qieghed jidher ukoll bhala kreditu favur is-*Supermaster* fil-kotba tal-*Master Electric* u allura l-kotba taz-zewg kumpaniji kienu qeghdin jaqblu, u f’ebda stadju ma gie negat jew kontestat mid-dirigenti jew ufficjali ta' *Supermaster* il-fatt kif jinsab registrat l-ammont pretiz fil-kotba ta' *Supermaster Limited*. Ukoll, l-*audited accounts* u l-kotba ta’ *Supermaster* jindikaw lil *Master Electric Limited* bhala debitur ta’ *Supermaster*.

Sostna li l-fatt li *Supermaster Limited* kienet qed tgawdi minn xi servizzi u uzu ta’ affarijiet minghajr hlas huma irrilevanti ghax il-finanzi biex jinzamm il-kreditu tal-*Master Electric* favur is-*Supermaster* ittiehdu b'self minn *Super Master Limited* mill-HSBC u effettivament inghataw lil *Master Electric*. *Master Electric* qatt ma harget ebda fatturi lil *Supermaster Limited* ghall-hlas ta' prodotti jew ghall-hlas ta' xi servizzi ohra u *Master Electric* qatt ma ghamlet talba lill-istracjarju biex tithallas xi ammonti pretizi minghand *Supermaster Limited*.

Xehed <u>Emanuel Micallef</u>, li kien Direttur ta’ *Supermaster Limited* kif ukoll ta’ *Master Electric Company Limited* u semma li *Supermaster Limited* kienet tmexxi s-*super market* waqt li *Master Electric Limited* kienet fuq affarijiet tad-dawl u ilma. Qal li kien iqatta’ hinijiet twal fis-*super market* li kien l-Imriehel. Il-paga tieghu kienet tohrog kollha mill-*Master Electric* minhabba li *Supermaster Limited* ma tantx kienet qieghedha finanzjarjament tajjeb. Semma li fil-5 ta’ Jannar 2001 kien intlahaq ftehim bejn iz-zewg kumpaniji likien jghid li *Supermaster Limited* kellha thallas lura l-pagi li hu kien qed jiehu minghand il-*Master Electric*. Il-paga kollha tammonta ghal Lm35,385. *Master Electric* kienet qed thallas l-ammonti li suppost kellhom isiru minn *Supermaster Limited* lill-bank f’pagamenti ta’

Lm4126 fix-xahar lil *APS Bank*. Semma li l-*Master Electric* kellha kemm tiehu kif ukoll thallas lil *Supermaster Limited*. Is-*Supermaster Limited* imbaghad kellha tiehu minghand il-*Master Electric* is-somma ta' Lm50,000. Semma li ma jiftakarx kemm kienet il-paga tieghu fix-xahar. Qal li hu ghandu 50% *shares* fiz-zewg kumpaniji u x-*share* l-iehor huwa ta' Saviour Micallef fiz-zewg kumpaniji. Qal li d-dokumenti li esebixxa kienu ilhom ghandu u li ma hassx il-bzonn li jipprezenthom qabel.

Xehed <u>Tonio Hili</u> u semma li fiz-zmien in kwistjoni hu kien *General Manager* kif ukoll Direttur fil-kumpanija. Manuel u Saviour Micallef kienu *shareholders* tal-*Master Electric* u kienu l-istess Diretturi ta' *Supermaster*. Qal li l-*Master Electric* kienet tghin hafna lil *Supermaster Limited* kemm fil-finanzi kfi ukoll fil-*Human Resources*. Semma kif Manuel Micallef kien iqatta' hinu kollu fis-*Supermaster* izda jithallas mill-*Master Electric*. Is-*Supermaster* la qatt hallsitu u lanqas ghamlet xi forma ta' reinvesment lid-ditta l-ohra. Qal li ma kienx jaf kemm kellu paga. Semma li kien hemm diversi *warehouses* li kienu jew proprjeta` jew mikrija lil *Master Electric* li kienu jintuzaw mis-*Supermaster* u li kera qatt ma thallset lil *Master Electric*. Qal li minn fejn kien jopera s-*Supermaster* kienu jhallsu kera ta' Lm45,000 fis-sena. Semma li *Supermaster* kellha *loan* mal-*APS Bank* u peress li kellhom diffikultajiet finanzjarji kbar kien sar ftehim mal-bank li l-*Master Electric* taghmel tajjeb ghal xi pagamenti li kienu dovuti mis-*Supermaster*. Qal li l-pagament kien ta' xi Lm4,200 pero` ma jafx kemm thallsu ezattament. Il-*loan* kien ta' cirka Lm200,000 u li thallset kollha. Qal li hu kien jaf bl-ammont ta' Lm50,096.66 li kienu dovuti mill-*Master Electric* lis-*Supermaster Limited* izda ma kien jaf ta' x'hiex kienu.

Xehed <u>David Galea</u> fejn semma li hu *Bank Clerk* mal-*APS Bank*. Qal li kien sar ftehim bejn il-kumpanija *Master Electric* u l-bank biex mill-kont tal-*Master Electric Limited* jithallsu pagamenti ta' Lm4,135 fil-*loan account* tas-*Supermaster*. Semma li mir-ricerka li ghamlu saru 21 pagament ta' Lm4,135 bl-ewwel wiehed ikun fis-27 ta' Marzu 2001 u l-ahhar wiehed fis-6 ta' Novembru 2002.

Saru pagamenti ghal aktar minn Lm80,000. Qal li s-*Supermaster* kienu l-klijenti taghhom. F'Novembru 2002 kienet saret talba biex jieqfu l-pagamenti u t-talba saret min-naha ta' *Master Electric*.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***<u>D1. Fatti tal-kaz:</u>***

Illi l-kaz in ezami jirrigwarda talba ghall-hlas ta' Lm50,196 oltre imghax legali sad-data ta' l-effettiv pagament u dana fuq talba ta' istralcarju ta' *Supermaster Limited* kontra *Master Electric Company Limited.* Huwa interessanti li wiehed isemmi li dawn il-kumpaniji kienu mmexxija fi zmien mill-istess diretturi. Is-socjeta` intimata laqghet billi insistiet li hemm il-preskrizzjoni oltre tpacija.

***<u>D2. Preskrizzjoni:</u>***

Illi s-socjeta` intimata eccepiet il-preskrizzjoni, izda jinghad li ma saru ebda provi dwar dan l-aspett, u infatti fl-eccezzjoni ta' l-istess intimata ma hemm ebda referenza fuq liema artikolu l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija ibbazata. Irrizulta li hemm zewg ittri ufficjali, ta' l-10 ta' Settembru 2001 u tad-9 ta' Awissu 2004.

Inoltre fost l-eccezzjonijiet hemm dik tat-tpacija, liema eccezzjoni ggib fix-xejn l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Jinghad li r-rikonoxximent ta' zewg debiti kontra xulxin u ghalhekk rikonoxximent tad-debitu fejn il-krediti jinqatlu kontra xulxin, jostakolaw l-issollevar ta' l-eccezzjoni bazata fuq il-preskrizzjoni. Prim'Awla (Imh A Magri) **Mariana Spiteri et vs Joseph Vella**, 3/5/1993.

***<u>D3. Tpacija:</u>***

Irrizulta mill-kotba ta' *Supermaster* li jezisti l-kreditu msemmi fir-rikors guramentat u huwa sinifikanti l-affidavit ta' Steve Cachia. Infatti anqas biss hemm proprjament kontestazzjoni tal-kreditu ta' *Supermaster*, u dan il-kreditu huwa konfermat anke mix-xhieda ta' Emmanuel Micallef (direttur fiz-zewg kumpaniji) li ikkonferma l-ezistenza tal-kreditu. Dak li huwa sostnut mis-socjeta` intimata hija li hemm it-tpacija.

Infatti s-socjeta` intimata sostniet li kien hemm arrangament biex isir hlas tad-debiti ta’ *Supermaster*. Izda hawnhekk il-Qorti trid bil-fors tirrileva li l-bank stess fejn saru l-hlsijiet kien kreditur privileggat ta’ l-istess *Supermaster Limited,* u *Supermaster Limited* kien id-debitur principali. Il-pagament maghmul mit-terz, u cioe` *Master Electric* wassal ghal surroga tad-drittijiet tal-bank, izda dan kien iwassal biex *Master Electric* li kieku ghamlet il-proceduri li suppost kienet tista’ tikkonkorri mal-kredituri l-ohra fil-Konkors. Huwa interessanti li kontra talba ma kenitx twassal, anke jekk ippruvata, ghal *set-off* ta’ l-ammont dovut ghax b’hekk kienet tigi stultifikata l-procedura ta’ konkos ta’ kredituri.

Jinghad ukoll li l-artikolu 303(1) tal-Kap 386, Att Dwar il-Kumpaniji jghid hekk:
“**303.** (1) Kull privilegg, ipoteka jew piz iehor, jew trasferiment jew disponiment ta’ proprjetà jew jeddijiet, u kull hlas, ezekuzzjoni jew att iehor dwar proprjetà jew jeddijiet maghmula mill-kumpannija jew kontriha, u kull obbligazzjoni li tidhol fiha l-kumpannija, fi zmien sitt xhur qabel ix-xoljiment tal-kumpannija ghandhom jitqiesu li huma preferenza bi frodi kontra l-kredituri taghha, kemm jekk ikunu ta’ xorta gratuwita jew jekk ikunu ta’ xorta oneruza jekk jikkostitwixxu operazzjoni taht il-valur jew jekk tinghata preferenza, kemm-il darba l-persuna li favur taghha jkunu saru ma tipprovax li ma kenitx taf u ma kellhiex raguni tahseb li l-kumpannija kienet x’aktarx se tkun xolta minhabba insolvenza, u fil-kaz li l-kumpannija tkun hekk xolta kull preferenza bi frodi tkun nulla.”

Saret referenza ghal skrittura tal-5 ta’ Jannar 2001 riferibbli ghal Lm35,000. Ir-rikors ghall-istralc mis-*Supermaster Limited* sar fit-3 ta’ April 2001 u jinghata li d-data tax-xoljiment hija retroattiva ghal meta gie intavolat ir-rikors. Issa l-art 303 fuq citat isemmi kif dawk l-atti ghandhom jitqiesu li huma preferenza bi frodi kontra l-kredituri tas-socjeta`, kemm-il darba l-beneficjarja ma tippruvax li ma kenitx taf li l-kumpanija kienet x’aktarx ser tkun xolta minhabba insolvenza.

Jizdied ukoll li tpacija fil-kuntest ta’ stralc mhix sostenibbli ghax jekk attwata din tkun qed tohloq preferenza.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Dwar l-ewwel eccezzjoni li l-kawza hija frivola u vessatorja stante li r-rikorrent *nomine* gja` intavola kawza identika kontra kumpanija ohra bl-istess azzjonisti ghall-istess ammont u ghalhekk seta’ facilment jigu ffrankati spejjez gudizzjarji doppji jekk l-attur intavola kawza kontra zewg konvenuti, jinghad li minn verbal tat-12 ta’ Frar 2007 li ma giex kontestat jirrizulta li l-kawza l-ohra msemmija tirrigwarda kreditu ghal kollox differenti minn dak pretiz fil-kawza odjerna u fil-konfront tas-socjeta` debitrici awtonoma minn dik intimata f’din il-kawza, u ghalhekk ma hemmx konnessjoni taz-zewg krediti pretizi fiz-zewg kawzi. Ghalhekk tichad l-ewwel eccezzjoni.

It-tieni eccezzjoni fejn l-intimat talab li z-zewg kawzi jimxu flimkien stante li jikkoncernaw l-istess mertu minhabba dak li ghadu kif intqal mhux sostenibbli u ghalhekk michud.

Dwar ir-raba’ eccezzjoni li t-talbiet huma wkoll preskritti *ai termini* tal-Ligi, jinghad li s-socjeta` intimata ma specifikatx l-artikolu tal-ligi li fuqu qed tibbaza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u ma saru ebda provi dwar dan, u jekk xi haga hemm l-ittri ufficjali. Ghalhekk din l-eccezzjoni wkoll hija michuda (ara “D2” hawn fuq).

Dwar it-tielet eccezzjoni li t-talbiet huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt stante li dan l-allegat dejn kellu jigi pacut ma’ dejn ta’ l-istess socjeta` li llum hija fi stralc, is-*Supermaster Limited* li kellha taghti s-socjeta` konvenuta u dan gja gie spjegat mill-istralcarju, il-Qorti tirreferi ghal dak li ntqal taht “D3” u ghalhekk tichad l-istess eccezzjoni.

Bl-istes mod, riferibbilment ghall-hames eccezzjoni li l-intimat ghandu jiehu aktar milli jaghti lir-rikorrent *nomine*, il-Qorti tirreferi ghal dak li ntqal taht “D3” hawn fuq u ghalhekk tichad l-istess eccezzjoni.

Ghal dawn il-motivi, tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lir-rikorrenti *nomine* s-somma ta' Lm50,196 ossija €116,925.22.

Bl-imghax legali kontra s-socjeta` intimata fuq l-ammont ta' Lm50,000 ossija €116,468.67 – l-ammont imsemmi fl-ittri ufficjali a fol 51 u 54 tal-process, u fuq l-ammont imsemmi fil-paragrafu precedenti mid-data tas-sentenza.

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------